**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **178/2022 (AD)**

**Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 174/2022 (NC) u wara r-Rikors Ġuramentat numru 1232/2021 (AD) fl-ismijiet:**

**RICHARD GHIRXI (KI 328784M)**

**VS**

**PERIT SEAN BUTTIGIEG (KI 328784M)**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali dwar talba tal-Perit Sean Buttigieg magħmula ai termini tal-artikolu 836(1)(b), (d) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 174/2022 NC;

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat nhar l-ewwel (1) ta' Marzu 2022, il-Perit Sean Buttigieg talab lil din il-Qorti sabiex tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 174/2022 NC fl-ismijiet ***Richard Ghirxi vs Perit Sean Buttigieg***, ai termini tal-Artikolu 836(1)(b), (d) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lis-sekwestrant iħallas il-penali ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap 12, u, sussidjarjament, tordna lis-sekwestrant sabiex jagħti fi żmien stabbilit mill-Qorti garanzija xierqa għall-ħlas ta' penali, danni u imgħax, u fin-nuqqas tneħħi l-att kawtelatorju, ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. B'risposta datata wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2022, Richard Ghirxi oppona għar-revoka in toto tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, u dan għal diversi raġunijiet, kif se jiġi indikat aktar 'il quddiem;

**Fatti tal-Każ**

4. Il-partijiet jonqsu milli, fir-rikors u risposta tagħhom, jagħtu stampa ċara tal-fatti illi wasslu sabiex intalab, u sussegwentement inħareġ, il-mandat ta' sewkestru kawtelatorju in eżami; madanakollu, mill-atti preżentati, din il-Qorti waslet sabiex tifhem illi l-Perit Sean Buttigieg kien ġie mqabbad minn Richard Ghirxi sabiex jippresta s-servizzi tiegħu bħala Perit fi proprjeta' ta' Ghirxi, liema xogħol ma sarx a sodisfazzjoni ta' Ghirxi, bil-konsegwenza illi Ghirxi qiegħed jallega illi sofra danni fi spejjeż u telf ta' dħul minn kirjiet;

5. Jidher illi qabel ġie intavolat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern, Ghirxi kien diġa' intavola żewġ mandati ta' sekwestri kawtelatorji oħra fil-konfront tal-Perit Buttigieg:

   a. Is-sekwestrat jagħmel referenza fir-risposta tiegħu għal mandat illi kien jirrigwarda, *"allegat pagamenti li l-esponenti għandu jagħmel lilu*

*għal xogħol ta' dawl u ilma fil-proprjeta' tal-esponenti, liema somma l-esponenti qiegħed jikkuntesta, u li huwa l-mertu tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fl-istess ismijiet"*[1]. Is-sekwestrat, iżda, jonqos milli jagħti n-numru ta' referenza ta' dan il-mandat jew jipprovdi xi prova dokumentarja f'dan ir-rigward; u

b. Il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1854/2021 fl-istess ismijiet, ippreżentat fl-erbatax (14) ta' Diċembru 2021[2]. Dan il-mandat kien intalab fl-ammont ta' sittax-il elf Ewro (€16,000), liema somma kienet tirrappreżenta parti minn somma ta' danni li kienu għadhom ma ġewx likwidati, u kienu ġew ikkawżati mill-Perit Buttigieg lil Ghirxi. Is-sekwestrant kien issenjala illi l-pretensjoni tiegħu kienet tinsab dedotta permezz ta' kawża ppreżentata kontestwalment mal-mandat; iżda, madanakollu, din il-Qorti kif diversement presjeduta kienet ċaħdet it-talba ta' Ghirxi għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kif mitlub, u dan għar-raġuni illi, *"ir-rikors ma jħarisx dak li jrid l-artikolu 831(1)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-kawżali ma tindikax l-oriġini u x-xorta tal-pretensjoni."*[3];

6. Konsegwentement, permezz ta' rikors ieħor, is-sekwestrant talab il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju ieħor fil-konfront tas-sekwestrat, u cioe l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern, illi jġib in-numru 174/2022 NC. Dan il-mandat intalab fl-ammont ta' erbgħa u tletin elf Ewro (€34,000), liema ammont jinkludi, skont is-sekwestrant, *"€1,200 f'permessi tal-MEPA għall-ewwel permess, €1,300 għas-servizzi ta' Karl Genovese imqabbad mill-Perit Buttigieg, €425 fi pjanti, €350 għas-surveyor Luca, €8,000 f'xogħol żejjed lil Etienne Ciantar minħabba x-xogħol tal-Perit Buttigieg, €3,500 fi travu żejjed li ser ikollu jitwaqqa', €2,280 bħala part-payment lil Perit James Bonnici, u telf ta' kiri ta' cirka €17,400-€19,200 u dana skont il-Perit Stephen Xuereb Archer u għalhekk l-ammont kollu huwa ta' bejn €34,455 u €36,244 bil-varjazzjoni fl-ammont hija l-varjazzjoni tat-telf ta'*

[1] Vide risposta għar-rikors revoka, para. 12
[2] Vide **Dok A** anness mar-risposta tas-sekwestrant għar-rikors odjern.
[3] Vide **Dok A**, *op cit*.

*kirjiet"*[4]. Difatti, is-sekwestrat fir-risposta tiegħu jispjega illi t-talba tas-sekwestrant hija, *"allegazzjoni li l-esponenti, li applika għall-Permess mal-Awtorita' tal-Ippjanar u ġie ottjenut, ma qediex dmiru sew għax l-applikazzjoni, skont hu dejjem, kellha tkun magħmula b'mod differenti, ossija bħal applikazzjoni li issa ssottometta u li għadha lanqas biss ġiet deċiża."* It-talba tas-sekwestrant intlaqgħet minn din il-Qorti kif diversement presjeduta permezz ta' digriet mogħti nhar is-sebgħa (7) ta' Frar 2022.

**It-Talba għal Revoka mis-Sekwestrat Perit Sean Buttigieg**

7. Din it-talba għal revoka ġiet magħmula ai termini:

    a. tal-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap 12 li jistabbilixxi illi l-mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk, *"waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti"*;

    b. tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 li jistabbilixxi illi l-mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk, *"jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv"*;

    c. tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 li jistabbilixxi illi l-mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk, *"jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"*;

8. Is-sekwestrat jibbaża t-talba tiegħu fir-rikors odjern bażikament fuq argument wieħed, u cioe illi l-mandat in kwestjoni sar b'malizzja u b'mod frivolu u vessatorju. Is-sekwestrat isostni illi l-mandat odjern ġie preżentat sabiex jintuża bħala appell wara illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1854/2021 CFS ġie miċħud, u li dan jirriżulta anke mill-fatt illi l-ammont kawtelat irdoppja f'qasir żmien wara illi l-istess mandat ġie miċħud. Konsegwentement, minbarra r-revoka tal-mandat odjern ai termini

[4] Vide risposta ta' Richard Ghirxi għar-rikors revoka, par 13

tal-Artikolu 836(1)(b), (d) u/jew (f) tal-Kap 12, is-sekwestrat qed jitlob ukoll il-likwidazzjoni u ħlas ta' danni minnu sofferti per kawża tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap 12, u kif ukoll illi, fil-każ illi l-mandat odjern ma jiġix revokat, is-sekwestrant jiġi ordnat jagħti, fi żmien stabbilit minn din il-Qorti, garanzija xierqa għall-ħlas ta' penali u danni u imgħax, ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap 12.

**Risposta għat-Talba għal Revoka mis-Sekwestrant Richard Ghirxi**

9. Mill-banda l-oħra, is-sekwestrant jiċħad illi l-mandat odjern intuża bħala "appell" għall-mandat ta' sekwestru numru 1854/2021 CFS. Huwa jsostni illi l-ammont ta' sittax-il elf Ewro (€16,000) reklamat fl-ewwel mandat kawtelatorju intavolat kien ammont konservattiv, u cioe ammont preliminari tad-danni sofferti, filwaqt illi l-ammont ta' erbgħa u tletin elf Ewro (€34,000) kawtelati permezz tal-mandat kawtelatorju odjern huwa l-ammont attwali preżenti tad-danni minnu sofferti, illi ġie magħruf lilu wara li l-Perit James Bonnici u l-Perit Stephen Carter informaw lil Richard Ghirxi bl-ammonti ta' spejjeż minnu sofferti, kif ukoll tat-telf ta' dħul minn kirjiet. Għaldaqstant, is-sekwestrant jisħaq illi huwa intavola l-mandat in eżami wara illi ottjena l-ammonti attwali sabiex ikun jista' jintavola l-mandat bl-ammonti attwali, liema ammonti jirriżultaw mill-affidavit tiegħu stess;

10. In oltre, is-sekwestrant jissenjala wkoll illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1854/2021 CFS ma ġiex revokat, iżda, fil-fatt, qatt ma ġie milqugħ, u dan peress illi ma kienx jinkludi informazzjoni biżżejjed ai termini tal-Artikolu 831(a) tal-Kap 12. Dan, isostni s-sekwestrant, kuntrarjament għal dak sostnut mis-sekwestrat illi l-mandat kawtelatorju bin-numru 1854/2021 CFS kien ġie miċħud stante illi kien bla ebda bażi u mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi.

**Il-Qorti**

11. Wara illi rat ir-rikors ippreżentat mill-Perit Sean Buttigieg datat l-ewwel (1) ta' Marzu 2022;

12. Wara illi reġgħet rat id-digriet tagħha stess tat-tlieta (3) ta' Marzu 2022;

13. Wara illi rat ir-risposta ippreżentata minn Richard Ghirxi, kif ukoll id-**Dokument A** anness magħha;

14. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet dwar l-Artikolu 836(5) tal-Kap 12**

15. Qabel tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-talba għar-revoka tal-mandat kawtelatorju bin-numru 174/2022 NC, din il-Qorti sejra l-ewwelnett tindirizza s-sottomissjonijiet magħmula fir-rikors in eżami mis-sekwestrat fir-rigward tal-Artikolu 836(5) tal-Kap 12;

16. Hekk kif tajjeb jissenjala s-sekwestrat fir-rikors in eżami, l-Artikolu 836(5) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi:

> *Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli; u barra l-każ kontemplat fis-subartikolu (1)(a) ebda att kawtelatorju bħal dak ma jista jinħareġ biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inħareġ, kemm-il darba fir-rikors għall-ħruġ ta' dak l-att kawtelatorju bħal dak ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalgħu ċirkostanzi minn meta ġie revokat l-att kawtelatorju ta' qabel, li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ġdid bħal dak li jkun ġie revokat, u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom, ma' dan,*

*japplikaw għal dak l-att kawtelatorju maħruġ mill-ġdid bis-saħħa ta' dak ir-rikors.*

17. Fil-każ in eżami, hekk kif ġia ingħad aktar 'il fuq, jidher illi qabel ma ġie intavolat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 174/2022 NC, kien ġie intavolat mandat ta' sekwestru kawtelatorju ieħor, u cioe l-mandat kawtelatorju bin-numru 1854/2021 CFS (vide **Dok A** mar-risposta tas-sekwestrant għar-rikors odjern). Is-sekwestrat qiegħed jikkontendi fir-rikors tiegħu illi l-mandat in kwestjoni, u cioe l-mandat bin-numru 174/2022 NC huwa biss appell mill-mandat 1854/2021 CFS, liema mandat ma kienx ġie milqugħ;

18. Din il-Qorti tinnota, iżda, illi hekk kif jissottometti tajjeb is-sekwestrant fir-risposta tiegħu, l-Artikolu 836(5) tal-Kap 12 **<u>ma jsibx applikazzjoni għall-każ odjern</u>**. Dan stante illi:

    a. Fl-ewwel lok, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1854/2021 CFS, *in primis*, ma kienx ġie milqugħ; u

    b. Fit-tieni lok, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1854/2021 CFS ma seta qatt jiġi revokat ġialadarba ma kienx ġie milqugħ;

19. L-Artikolu 836(5) huwa minnu nnifsu ċar, u ma jeħtieġ l-ebda interpretazzjoni profonda. Dan l-artikolu japplika fil-każ ta' preżentata t'atti kawtelatorji illi: (a) ikunu nħarġu kontra persuna illi kontriha wkoll ikun qed jintalab it-tieni mandat, u (b) ikunu sussegwentement ġew revokati. Difatti huwa għalhekk illi jitkellem dwar *"appell u kontestazzjoni minn digriet li **<u>jilqa'</u>** rikors imsemmi fis-subartikolu (1)"*. Dan assolutament mhux il-każ fil-każ odjern;

20. Konsegwentement din il-Qorti sejra **<u>tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tas-sottomissjonijiet magħmula fir-rikors odjern rigward l-Artikolu 836(5)

tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, u l-applikazzjoni tal-istess Artikolu għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern.

**Konsiderazzjonijiet dwar ir-Revoka tal-Mandat *In Vigore***

21. Fl-ewwel lok, il-Qorti tfakkar illi l-mansjoni tagħha fi proċeduri bħal dawk odjerni hija waħda limitata ferm. Hekk, per eżempju, ingħad fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Av Francesca Galea Cavallazzi noe vs IPS-Ingredis Malta Limited***[5]:

> *Isegwi għalhekk li l-Qorti fi proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, m’għandhiex tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet għaliex l-istħarriġ li hija obbligata tagħmel huwa wieħed sommarju fuq bażi prima facie, filwaqt li l-mertu jiġi mistħarreġ u determinat fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Kif ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet* **Joseph Camilleri et vs Anthony Govè et***, deċiża fl-10 ta’ Mejju 2001:*
>
> > *“mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta’ prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f’dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta’ proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja.”*

[5] Rikors Revoka 281/2021 fl-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru nru 368/2021, Qorti Ċivili (Prim’Awla), Onor Imħ Robert G. Mangion, 26 t’April 2021. Ara wkoll Ċit Nru 1183/2014 fl-ismijiet ***Dom Communications Ltd vs Office Group Limited,*** Qorti Ċivili (Prim’Awla), Onor Imħ Lawrence Mintoff, 28 t’April 2015 u ***Fatima Zahra Zeroual vs Hashin Kuduzovic***, Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju Nru 1009/2017, Onor Imħ Francesco Depasquale, 13 ta’ Mejju 2021

*Jingħad ukoll illi dak li l-Qorti trid tasal għalih f'dawn il-proċeduri ma għandux jitqies li jkun qed isir xi ġudizzju fil-mertu, u fi proċeduri bħal dawn jeħtieġ biss li l-Qorti tistħarreġ mad-daqqa t'għajn li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu, cioe' li s-sekwestrant għandu bażi ta' pretensjoni u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv* [***Paul Hili et vsv Dr Joselle Farrugia noe et***, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-3 ta' Ġunju 1994]. *Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-prinċipju ulterjuri li kull persuna għandha jedd li tħares l-interessi tagħha sakemm id-dritt sostantiv tagħha jiġi determinat definittivament* [***Technobroadcast Srl vs Mediterranean Broadcasting Limited***, mogħti fil-5 ta' Ġunju 2007].

22. Din il-Qorti għalhekk tagħmilha ċara illi: (a) hija mhix ser tindirizza l-mertu tal-vertenzi bejn il-partijiet, liema mertu qiegħed jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet quddiem din il-Qorti stess; u (b) id-deċiżjoni illi qiegħda tingħata permezz ta' dan id-digriet m'għandhiex tiġi interpretata bħala deċiżjoni illi b'xi mod tirrifletti jew sejra tirrifletti d-deċiżjoni illi għad trid tingħata fil-mertu fil-kawża prorpja;

23. Il-materja in eżami tikkonċerna talba għal revoka ta' mandat kawtelatorju ai termini tal-Artikoli 836(1)(b), (d) u/jew (f) tal-Kap 12. Jiġi senjalat, iżda, illi s-sekwestrat ma jindikax fir-rikors tiegħu b'mod speċifiku l-argumenti in sostenn tat-talba tiegħu għal kull sub-inċiż, iżda jagħmel talba waħda b'mod ġenerali, b'dana illi l-Qorti tikkonkludi illi l-argumenti minnu sollevati għandhom jiġu kunsidrati taħt kull waħda mit-tliet kapijiet suriferiti;

24. L-artikolu 836(1) jipprovdi illi att kawtelatorju jista' jiġi revokat *"**għal xi waħda** minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin"*[6], b'dana illi r-raġunijiet għar-revoka

[6] Emfasi tal-Qorti

ta' att kawtelatorju elenkati fl-istess artikolu għandhom jiġu interpretati bħala raġunijiet alternattivi, u mhux kumulattivi. Isegwi għalhlekk illi att kawtelatorju jista' jiġi revokat anke fil-każ illi tissussisti raġuni waħda biss minn dawk kollha elenkati fl-art 836(1);

25. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra kull wieħed mill-provvedimenti tal-liġi msemmija fit-talba tas-sekwestrat separatament:

**(A) Artikolu 836(1)(b) tal-Kap 12**

26. L-art 836(1)(b) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi att kawtelatorju jista' jiġi revokat fil-każ illi, *"waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti"*. Dan il-provvediment tal-liġi jirrikjedi għalhekk illi jkunu jissussistu żewġ elementi prinċipali:

   i. l-eżistenza tal-hekk imsejħa ħtiġijiet tal-liġi proċedurali għall-ħruġ tal-att kawtelatorju fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att; u

   ii. bidla fiċ-ċirkostanzi minn meta tkun intlaqgħet it-talba għall-ħruġ tal-att kawtelatorju sa meta ssir it-talba għar-revoka;

27. Dwar l-ewwel element, u cioe l-eżistenza tal-ħtiġijiet tal-liġi proċedurali għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Av Peter Caruana Galizia et vs Jorgen Fenech et***[7], b'referenza għal dak illi ntqal fid-digriet fl-ismijiet ***Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart***[8]:

> *Il-ħtiġijiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li*

[7] Rik Nru 985/2020 fl-atti tal-Mandat Nru 1397/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 11 ta' Frar 2021, Onor Imħ Anna Felice

[8] Rik Nru 336/2005 fl-atti tal-Mandat Nru 494/2005, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 29 ta' Lulju 2005, Onor Imħ Joseph R Micallef

*ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwa sew dik il-pretensjoni ta' dritt; (c) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilita' tal-persuna li tkun talbitu.*

28. Iridu għalhekk oriġinarjament jissussistu dawn l-erba' elementi sabiex talba għall-ħruġ t'att kawtelatorju tintlaqa' mill-Qorti illi quddiemha ssir tali talba;

29. Dwar it-tieni element, u cioe bidla fiċ-ċirkostanzi, ġie wkoll ritenut ukoll fl-istess digriet fl-ismijiet ***Caruana Galizia et vs Fenech et*** appena ċitat, b'referenza wkoll għad-digriet fl-ismijiet ***Mangion Galea vs Stewart***:

*Fi kliem dik id-disposizzjoni, ir-raġuni li għaliha mandat kawtelatorju jitneħħa, kollu jew f'biċċa minnu, biss jekk ikun hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi bejn il-waqt li jkun inħareġ il-Mandat u ż-żmien meta ssir it-talba għat-tħassir tiegħu. Fi kliem ieħor, din il-Qorti tifhem li l-kawżali maħsuba fil-paragrafu (b) tal-artikolu 836(1) trid li l-mandat ikun inħareġ sewwa u, f'xi waqt, tkun intemmet xi waħda mill-kundizzjonijiet li l-liġi trid biex dak il-Mandat jibqa' fis-seħħ.*

30. L-istess sostniet din il-Qorti kif diversement presjeduta fid-digriet fl-ismijiet ***Dr Henri Mizzi noe vs Jebmed SRL***[9]:

*Din id-disposizzjoni, skont il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att;*

[9] Mandat Nru 964/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Settembru 2019, Onor Imħ Joseph R Micallef

31. Is-sekwestrat ma jagħti l-ebda indikazzjoni fir-rikors tiegħu dwar liema mill-erba' rekwiżiti suriferiti huwa qiegħed jikkontendi illi huwa nieqes. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa jekk kinux jissussistu – u baqgħu hekk jissussistu saħansitra anke wara l-ħruġ tal-mandat kawtelatorju odjern – l-hekk imsejħa *"ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju"* fil-każ odjern:

a. Jidher illi huwa fatt mhux kontestat illi l-Perit Sean Buttigieg ippresta s-servizzi tiegħu lil Richard Ghirxi. Jidher illi huwa wkoll fatt mhux kontestat illi Richard Ghirxi qiegħed javvanta pretensjoni fil-konfront tal-Perit Buttigieg, liema pretensjoni hija għal danni sofferti minn Ghirxi per konsegwenza tal-fatt illi l-Perit Buttigieg allegatament għamel xogħol illi ma sarx a sodisfazzjoni ta' Ghirxi. Għaldaqstant, jirriżulta illi ġie *prima facie* stabbilit illi s-sekwestrant għandu xi forma ta' pretensjoni ta' dritt fil-konfront tas-sekwestrat;

b. Is-sekwestrant intavola kawża permezz ta' rikors ġuramentat bin-numru 1232/2021 (AD) sabiex tiġi mistħarrġa sewwa sew il-pretensjoni ta' dritt illi qiegħed javvanta fil-konfront tas-sekwestrat;

c. Għalkemm il-partijiet naqsu milli jippreżentaw quddiem din il-Qorti kopja tar-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju illi tiegħu qiegħda tintalab ir-revoka, din il-Qorti tinnota illi s-sekwestrat ma jagħmel l-ebda aċċenn għal xi nuqqas proċedurali jew fil-forma tiegħu illi jirrendi l-istess mandat kawtelatorju null. In oltre, il-Qorti tosserva wkoll illi t-talba magħmula permezz tal-mandat illi tiegħu qiegħda tintalab ir-revoka ġiet milqugħa, u dan kuntrarjament għall-mandat preċedenti (bin-numru 1854/2021 CFS) illi ma kienx konformi mal-artikolu 831(1)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

d. Jidher illi l-mandat odjern inħareġ u ġie esegwit taħt ir-responsabbilita' tas-sekwestrant, b'dana illi huwa baqa' ferm fil-pretensjonijiet tiegħu fil-konfront tas-sekwestrat, u saħansitra intavola mandat ieħor wara illi

l-ewwel wieħed ma ġiex milqugħ. Dan minbarra illi intavola wkoll il-kawża fil-mertu rigward l-istess pretensjonijiet;

32. Il-Qorti tinnota illi **dawn ir-rekwiżiti mhux biss kienu jissussistu meta ntlaqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern, iżda talli, minn dak illi tista' tosserva l-Qorti, anke jekk fuq bażi *prima facie*, għadhom jissussistu sal-lum**;

33. Minn qari tar-rikors għar-revoka tal-mandat kawtelatorju in eżami, din il-Qorti tifhem illi dak illi qiegħed jikkontesta s-sekwestrat huwa l-pretensjoni illi qiegħed javvanta Ghirxi, u difatti jinsisti illi l-mandat huwa bla bażi u mingħajr raġuni valida fil-liġi. Din il-Qorti, iżda, tagħmel żewġ osservazzjonijiet:

    a. Fl-ewwel lok, hekk kif diġa ġie senjalat aktar 'il fuq, il-mansjoni tal-Qorti f'dawn il-proċeduri hija limitata, b'dana illi l-kwestjoni dwar jekk is-sekwestrat għandux jinżamm responsabbli għal danni fil-konfront ta' Ghirx jew le hija kwestjoni fil-mertu illi għandha tiġi deċiża fil-kawża proprja. Għaldaqstant, din il-Qorti mhix f'pożizzjoni, f'dan l-istadju, illi tiddeċiedi jekk effettivament il-pretensjoni tas-sewkestrant hijiex bla bażi, frivola u vessatorja, u/jew mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi, stante illi din hija indaġini illi din il-Qorti ma tagħmilx fi proċeduri ta' din ix-xorta, iżda indaġini illi din il-Qorti tagħmilha fil-kawża proprja. Naturalment, sta għas-sekwestrant, imbagħad, illi jissostanzja l-pretensjoni tiegħu bl-aħjar prova fil-kawża apposita dwar il-mertu;

    b. Fit-tieni lok, is-sekwestrant, fir-risposta tiegħu għar-rikors odjern, jispjega kif ikkwantifika l-ammont ta' €34,000 kawtelat permezz tal-mandat kawtelatorju in kwestjoni, anke jekk dan l-ammont huwa ferm ogħla mill-ammont oriġinarjament kawtelat permezz tar-rikors għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju bin-numru 1854/2021 illi ma ġiex milqugħ minn din il-Qorti kif diversement presjeduta. Peress illi l-evalwazzjoni illi tagħmel din il-Qorti f'dan l-istadju hija waħda fuq bażi *prima facie*, dan huwa biżżejjed sabiex din il-Qorti tkun sodisfatta illi l-ammont

kawtelat mis-sekwestrat huwa wieħed raġonevoli u mhux ivvintat. Hekk kif diġa' ntqal, huwa fil-kawża fil-mertu illi mbagħad din il-Qorti jkollha l-opportunita' illi tiddeċiedi jekk l-ammont kif mitlub huwiex, l-ewwelnett, dovut, u huwiex ġust;

c. Fit-tielet lok, is-sekwestrant għandu kull dritt illi jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu billi jintavola l-mandat kawtelatorju odjern, u dan bħalma finalment jirriżulta mir-risposta tas-sekwestrant għar-rikors odjern illi għamel is-sekwestrat stess fir-rigward ta' pretensjonijiet illi s-sekwestrat għandu fil-konfront tas-sekwestrant. Is-sekwestrat fir-risposta tiegħu jagħmel referenza għal żewġ mandati oħra illi ġew intavolati mis-sekwestrant fil-konfront tiegħu. L-ewwelnett, din il-Qorti tinnota illi kuntrarjament għal dak illi ġie sottomess mis-sekwestrat fir-rikors in eżami, hekk kif diġa' ġie senjalat aktar 'il fuq, il-mandat 1854/2021 CFS ma ġiex miċħud għax ma kellux bażi, iżda għaliex ma kienx iħares dak illi huwa mitlub mill-artikolu 831(1)(a) tal-Kap 12, u cioe kien fih nuqqas t'informazzjoni, ossia l-kawżali ma kinitx tindika l-oriġini u x-xorta tal-pretensjoni. Din il-Qorti kif diversement presjeduta difatti laqgħet il-mandat kawtelatorju bin-numru 174/2022 preċiżament għax kienet sodisfatta illi r-rikors kien jinkludi l-informazzjoni kollha kif rikjesta mill-artikolu 831(1)(a) tal-Kap 12, u illi, fuq bażi *prima facie*, is-sekwestrant jidher illi għandu pretensjoni x'jikkawtela. It-tieni nett, jiġi osservat illi l-mandat l-ieħor, illi s-sekwestrat jgħid illi jirrigwarda allegat pagamenti li huwa għandu jagħmel lis-sekwestrant għal xogħol ta' dawl u ilma fil-proprjeta' tiegħu, huwa evidentement mandat kawtelatorju dwar pretensjoni kompletament diversa u distinta mill-pretensjoni kawtelata permezz tal-mandat odjern. Ma tistax din il-Qorti tirrevoka l-mandat kawtelatorju odjern sempliċiment għaliex ġiet depożitata somma mis-sekwestrat fil-Qorti rigward pretensjoni illi hija kompletament diversa minn dik odjerna. Saħansitra anke l-mertu tal-mandat odjern u l-mandat kawtelatorju dwar il-pretensjoni l-oħra illi għandu s-sekwestrant fil-konfront tas-sekwestrat, qiegħed jiġi trattat f'kawżi separati, wieħed quddiem din il-Qorti stess, u l-ieħor quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, rispettivament;

34. Għaldaqstant, il-Qorti **tiddikjara illi ma ġiex sodisfaċentement pruvat illi tissussisti raġuni għar-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap 12**;

**(B) Artikolu 826(1)(d) tal-Kap 12**

35. L-Artikoli 836(1)(d) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat *"(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;"*

36. Din il-Qorti kif diversement presjeduta, fid-digriet fl-ismijiet ***Johan Huy pro et noe vs Mark Attard***[10], spjegat:

> *20. Bħala daħla, tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu illi mandat kawtelatorju huwa maħsub biex iħares pretensjoni ta' kreditur sakemm tinqata' kawża, ħalli jekk kawża tinqata' favurih, huwa jkun jista' jinforza s-sentenza fuq il-ġid tad-debitur li jkun ġie milqut bil-mandat. Fi kliem ħafif, il-mandati kawtelatorju qegħdin hemm, ħalli sakemm tinqata' l-kawża, id-debitur ma jaħbix flusu jew ma jnaqqasx minn ġidu biex dan jevita milli jħallas lill-kreditur f'każ li d-debitur joħroġ tellief mill-kawża (ara* **Ignazio Gatt v. Żakkarija Calleja** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April, 2019). Għalhekk il-mandati kawtelatorji huma sa ċertu punt għodda ta' serħan tal-moħħ għall-kreditur, li huwa ħa jkollu minn fejn jista' jitħallas jekk jingħata raġun fis-sentenza finali;*

37. Sabiex, imbagħad, jitħassar mandat ai termini tal-art 836(1)(d) tal-Kap. 12, ġie senjalat fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Office Group Limited vs Jamar Malta Limited***[11]:

10 Rik Nru 656/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Christian Falzon Scerri, 21 ta' Lulju 2021
11 Rik Nru 688/2012, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph R Micallef, 10 t'Awwissu 2012

*Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti;*

*Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jkun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat;*

38. Il-Qorti wieżnet l-inkonvenjent illi l-mandat odjern qiegħed joħloq lis-sekwestrat fuq naħa, u l-ħarsien tal-pretensjoni tas-sekwestrant sakemm tinqata' l-kawża fil-mertu fuq in-naħa l-oħra;

39. Kif diġa ġie senjalat, jirriżulta lil din il-Qorti illi, fuq dak illi tista' tikkonstata fuq bażi *prima facie*, is-sekwestrant għandu bażi ta' pretensjoni fil-konfront tas-sekwestrat. Fir-risposta tiegħu, is-sekwestrat jagħti *breakdown* ta' kif ikkwantifika l-ammont illi qiegħed jiġi kawtelat permezz tal-mandat odjern, liema *breakdown*, mad-daqqa t'għajn, jirrendi ġustifikat l-ammont pretiż. In oltre, il-Qorti tinnota illi għalkemm fir-risposta tiegħu s-sekwestrant jindika

illi, *"l-ammont kollu huwa ta' bejn €34,455 u €36,255"*, il-mandat in kwestjoni sar fl-ammont ta' €34,000, ammont illi huwa raġonevoli u jmur għall-minimu tal-ammont ta' danni pretiżi mis-sekwestrant. Din il-Qorti jihdrilha, għalhekk, illi m'hemmx nuqqas ta' qbil lampanti bejn il-pretensjoni tas-sekwestrant, iċ-ċirkostanzi tal-każ, u l-ammont kawtelat permezz tal-mandat kawtelatorju odjern;

40. Is-sekwestrat, fir-rikors in eżami, jagħmel aċċenn għall-fatt illi filwaqt illi r-rikors għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju bin-numru 1854/2021 CFS kien fl-ammont ta' €16,000, is-sorte fil-mandat kawtelatorju bin-numru 174/2022 NC irdoppja mill-ammont oriġinarjament pretiż, u jissottometti illi dan huwa prova ċara tal-fatt illi l-mandat bin-numru 174/2022 NC huwa fieragħ. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-raġunament. L-ewwelnett, jirriżulta minn **Dok A** illi l-ammont fil-mandat kawtelatorju bin-numru 1854/2021 CFS kien jindika *"parti minn somma ta' danni"*. Huwa ċar għalhekk illi s-somma ta' €16,000 qatt ma kellha tiġi interpretata bħala l-ammont sħiħ pretiż. In oltre, hekk kif ġie senjalat aktar 'il fuq, din il-Qorti hija sodisfatta bil-*breakdown* tal-ammont kif kawtelat mogħti fir-risposta tas-sekwestrant għall-mandat odjern, u mhix tal-fehma illi l-ammont pretiż huwa wieħed esaġerat. Finalment, din il-Qorti tħoss illi huwa konvinċenti l-argument imressaq mis-sekwestrant illi, meta ġie biex jintavola l-mandat odjern, ra illi jikkawtela somma illi hija aktar attwali, reali u ġustifikata mis-somma illi kienet ġiet indikata fil-mandat bin-numru 1854/2021 CFS, speċjalment wara illi l-ewwel mandat ma kienx ġie milqugħ preċiżament għaliex kien fih nuqqas t'informazzjoni. Konsegwentement, din il-Qorti mhix konvinta illi għandha tordna r-revoka u/jew riduzzjoni tas-somma kawtelata a bażi ta' dak illi tista' tikkonstata fuq bażi *prima facie*, u l-atti miġjuba quddiemha f'dan l-istadju;

41. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern huwa *prima facie* ġustifikat u mhux eċċessiv. Għalhekk din il-Qorti **<u>tiddikjara illi ma ġiex sodisfaċentement pruvat illi tissussisti raġuni għar-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12</u>**;

### (C) **<u>Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12</u>**

42. Ai termini tal-Artikolu 836(1)(f), mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat, *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"*;

43. Taħt l-Artikolu 836(1)(f), jeħtieġ illi tissussisti <u>bidla fiċ-ċirkostanzi</u> illi tirrendi l-att kawtelatorju jew parti minnu superfluwu u inġustifikabbli. Hekk ingħad, *inter alia*, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Andrew Corrieri vs Manti Salvatore noe***[12]:

> *Dwar jekk il-mandat għandux jitħassar fiċ-ċirkostanzi għaliex allegatament mhuwiex raġonevoli jew ġustifikat li jinżamm fis-seħħ, din il-Qorti diversament presjeduta fil-proċediment fl-ismijiet* ***Spiteri vs Darmanin*** *tat tifsira korretta u preċiża tal-artikolu 836(1)(f) fil-provvediment li tat fil-25 ta' Awwissu 2010:*
>
> > *"Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ (ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et").*
>
> *Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn*

[12] Rikors Numru 439/2021 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 231/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 15 ta' Settembru 2021, Onor Imħ Anna Felice

*jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."*

*Finalment, fil-provvediment illi tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Awwissu 2012 fl-ismijiet* ***Jamar Malta Limited vs Office Group Limited****, saru dawn ir-rilievi:*

> *"Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet eżekutanti. Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ. (ara wkoll – PA. JSP. 10 ta' Jannar 1992. "Spiteri vs Camilleri"; PA. RCP. 30 ta' Mejju 2002. "Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona"; u PA. GC. 3 ta' Awwissu 2001. "Fenech noe vs Spiteri noe et.")."*

*Fl-isfond ta dan l-insenjament huwa evidenti li dak meħtieġ li jiġi ppruvat għall-fini ta' din id-disposizzjoni huwa bdil fiċ-ċirkostanzi li jirrendu l-mandat mhux aktar raġonevoli jew*

*ġustifikabbli, liema bdil fiċ-ċirkostanzi jrid jintwera li avveraw ruħhom wara d-data tal-ħruġ tal-mandat.[13]*

44. Fil-każ in eżami ma nġabet l-ebda prova illi ċ-ċirkostanzi nbiddlu wara d-data tal-ħruġ tal-mandat b'tali mod illi l-mandat jista' jiġi meqjus bħala mhux aktar raġonevoli jew ġustifikat. La jirriżulta illi waslu għal xi forma ta' ftehim bejniethom il-partijiet, u lanqas jirriżulta illi s-sekwestrant m'għadx għandu pretensjoni x'javvanta, anzi jirriżulta b'mod mill-aktar ċar illi s-sekwestrant żamm ferm fil-pretensjonijiet tiegħu;

45. Għaldaqstant, **lanqas jirriżulta lil din il-Qorti illi tissussisti raġuni għar-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12.**

**Kunsiderazzjonijiet dwar it-Talba għall-Ħlas ta' Penali ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap 12**

46. Is-sekwestrat qiegħed jitlob l-imposizzjoni fuq is-sekwestrant ta' penali ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

47. Ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta plc vs Jan Sammut***[14]:

> *Tajjeb jingħad li l-mandati kawtelatorji jinħarġu fuq ir-responsabilita' ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom.*
>
> *Il-vessatorjeta' twassal għar-responsabilita'. Min ikun adixxa lill-Qorti għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju u jkun ibbaża t-talba fuq ċirkostanzi manifesti 'priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promossa si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti*

---

[13] Ara wkoll: ***Lombard Bank plc vs Dr Melvyn Mifsud et***, Rik Nru 302/2015, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 30 t'April 2015 u ***George Cassar pro et noe et vs Emanuel Falzon et***, Rik Nru 741/2015, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 22 t'Ottubru 2015

[14] Mandat Nru 1408/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph Zammit McKeon, 2 ta' Lulju 2020

*posta a base dell'istanza e delle conseguenze giuridiche che ne derivano non è sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nella lite' (sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXVI.I.405**). Il-vessatorjeta' timplika grad ta' kolpożita' u kattiverija. Twassal ukoll għal abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja.*

48. In oltre, fid-digriet fl-ismijiet ***Office Group Limited vs Jamar Malta Limited*** suċitat, il-Qorti kompliet telabora dwar il-penali kif isegwi:

*Illi dwar il-<u>kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali</u>, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista</u>' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi sabiex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi, iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż;*[15]

[15] Ara wkoll: ***Av Peter Caruana Galizia et vs Jorgen Fenech et*** (suċitata); ***Joseph Tabone vs Capece Construction Limited***, Rik Nru 67/2013 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru nru 1595/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph R Micallef, 14 t'Aww'ssu 2013

49. Għalkemm is-sekwestrat ma jindikax b'mod speċifiku taħt liema sub-inċiż tal-Artikolu 836(8) huwa qiegħed jagħmel it-talba għall-imposizzjoni ta' penali fuq is-sekwestrant, huwa jitlob l-imposizzjoni ta' penali għar-raġuni illi huwa qiegħed isostni illi l-mandat *"ħareġ b'malizja u huwa frivolu u vessatorju"*[16]. Lil din il-Qorti jidhrilha, għalhekk, illi t-talba tas-sekwestrat qiegħda ssir ai termini tal-Artikolu 836(8)(d), u cioe, *"jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja"*;

50. Mill-kuntest tar-rikors odjern, il-Qorti tasal tiddeduċi illi t-talba tas-sekwestrat hija motivata mill-argument tiegħu illi l-mandat odjern ma kienx ġustifikat fil-konfront tiegħu, u sar in *male fede*. Madanakollu, il-Qorti, hekk kif spjegat diġa' aktar 'il fuq, mhix tal-fehma illi l-mandat odjern ma kienx ġustifikat. Lanqas hi tal-fehma illi sar in *male fede*. *Prima facie* jidher illi s-sekwestrant għandu pretensjoni fil-konfront tas-sekwestrat. Jekk effettivament is-sekwestrat għandux jinżamm responsabbli għad-danni, huwa punt illi għandu jiġi eżaminat fil-kawża dwar il-mertu, iżda l-Qorti hija sodisfatta illi s-sekwestrant ma kienx qed jabbuża mill-istitut tal-mandati kawtelatorji meta talab illi jinħareġ il-mandat odjern;

51. Għaldaqstant, il-Qorti tiddikjara illi **ma tirriskontra ebda ċirkostanzi li trid il-liġi li jistgħu jiġġustifikaw l-imposizzjoni tal-penali fuq is-sekwestrant;**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Garanzija għall-Ħlas ta' Penali u Danni**

52. Is-sekwestrat qed jitlob ukoll l-imposizzjoni ta' garanzija xieraq fuq is-sekwestrant ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap 12. Fid-digriet fl-ismijiet ***Dr Henri Mizzi vs Jebmed Srl*** suċitat, din il-Qorti kif diversement presjeduta spjegat:

[16] Vide t-tielet talba fir-rikors in eżami

*[I]l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ ll-mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili;*

*Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-eżekutat jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-at kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ, u dment li jikkonkorru l-elementi mitlub mil-liġi għal tali likwidazzjoni;*

*Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi ffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju u biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija mhijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tintemm proċedura jew kawża għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha;*

53. Il-Qorti, wara li qieset il-pożizzjoni tal-partijiet, tikkonkludi illi s-sekwestrat ma rnexxilux iġib prova ta' *"raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti"* illi jistgħu jikkostitwixxu *"kawża ġusta"* illi a bażi tagħha l-Qorti għandha tordna illi titħallas garanzija;

54. Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda **tiċħad ukoll it-talba għall-imposizzjoni ta' garanzija ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap 12**.

**Decide**

55. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **<u>tiċħad it-talbiet kollha tas-sekwestrat rikorrenti</u>**.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.

**Digriet kamerali mogħti llum, it-Tlieta Tnax (12) t'April 2022.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**